ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 325

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 53
2 ta' Diċembru 2010

Avviż Nru — Werrej — Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kunsill**


2010/C 325/01 — Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2011-2014 .......... 1


**Il-Kummissjoni Ewropea**


2010/C 325/02 — Ir-rata tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament: 1,00 % fl-1 ta' Diċembru 2010 – Rata tal-kambju tal-euro .......... 10

2010/C 325/03 — Notifika tal-Kummissjoi dwar ir-rati ta' interessi ta' rkupru preżenti għall-Għajnuna mill-Istat u rati ta' referenza/tnaqqis għas-27 Stat Membru applikabbli mill-1 ta' Diċembru 2010 (Ippublikat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1)) .......... 11


MT

**Prezz:**
**3 EUR**

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

**Awtorità ta' Sorveljanza EFTA**

2010/C 325/04 Stedina biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 1(2) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja dwar l-għajnuna mill-Istat rigward il-bejgħ ta' ċerti binjiet fil-Kamp ta' Ġewwa ta' f'Haslemoen Leir ............................ 12

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Qorti tal-EFTA**

2010/C 325/05 Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA magħmula minn Héraðsdómur Reykjavíkur, datata s-26 ta' Marzu 2010 fil-kawża ta' Þór Kolbeinsson vs l-Istat tal-Islanda (Kawża E-2/10) ...... 21

2010/C 325/06 Talba għal Opinjoni Konsultattiva mill-Qorti tal-EFTA mill-Fürstliches Obergericht iddatata tad-19 ta' Mejju 2010 fil-kawża Dr Joachim Kottke vs Präsidial Anstalt u Sweetlye Stiftung (Kawża E-5/10) ... 22

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

**Il-Kummissjoni Ewropea**

2010/C 325/07 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6029 – Danish Crown/D&S Fleisch) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ................................................. 23

2010/C 325/08 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6054 – First Reserve Corporation/Blackstone/PBF Energy) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ................. 24

2010/C 325/09 Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni (Każ COMP/M.6052 – London & Continental Railways/Lend Lease Europe/Stratford City Business District) – Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata [1] ................................................................................. 25

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUNSILL

## Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2011-2014

(2010/C 325/01)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

1. Filwaqt li jfakkru l-objettivi assenjati lill-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-kultura permezz tal-Artikolu 167 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

2. Filwaqt li jfakkru r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2007 dwar Aġenda Ewropea għall-Kultura [1] u l-objettivi strateġiċi tagħha, jiġifieri l-promozzjoni tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali, il-promozzjoni tal-kultura bħala katalista tal-kreattività fil-qafas tal-Istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir, l-impjiegi, l-innovazzjoni u l-kompetittività, u l-promozzjoni tal-kultura bħala element indispensabbli fir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni,

3. Wara li kkunsidraw ir-Rapport tal-Kummissjoni tad-19 ta' Lulju 2010 [2] dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea għall-Kultura u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjawh [3],

4. Konvinti li l-kultura tista' tikkontribwixxi għat-twettiq tal-objettivi tal-Ewropa 2020, strateġija għall-impjieg u għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv [4],

5. Waqt li jikkunsidraw li l-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2008-2010 tal-Kunsill, b'mod partikolari permezz tal-użu tiegħu tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni (MMK), kien jikkostittwixxi stadju importanti ġdid fl-iżvilupp tal-kooperazzjoni kulturali tal-Istati Membri, it-titjib tal-koerenza u l-viżibbiltà tal-azzjoni Ewropea f'dan il-qasam, filwaqt li jissottolinja r-rwol orizzontali tal-kultura,

6. Waqt li jinnutaw ir-riżultat tal-ħidma mwettqa fil-kuntest tal-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill għall-Kultura 2008-2010, u b'mod partikolari l-identifikazzjoni u l-iskambju tal-aħjar prattika mill-gruppi ta' ħidma stabbiliti mill-Istati Membri kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet ta' dawn il-gruppi,

7. Filwaqt li jikkondividu l-fehma li l-pjan ta' ħidma fl-Anness I għandu jibni fuq din il-ħidma u r-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw u jkopri perijodu ta' erba' snin, waqt li jippermetti eżami ta' nofs it-terminu,

JAQBLU:

— Li jadottaw, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-Pjan ta' Ħidma 2011-2014 kif imniżżel fl-Anness I, kif ukoll il-prinċipji applikabbli fir-rigward tal-istabbiliment u l-funzjonament tal-gruppi ta' ħidma stabbiliti mill-Istati Membri kif imniżżel fl-Anness II,

— Li jistabbilixxu gruppi ta' ħidma magħmula minn esperti awtorizzati mill-Istati Membri abbażi tal-prinċipji u l-mandati definiti fl-Annessi I u II u li jsegwu l-ħidma tagħhom,

— Li jimplimentaw il-prijoritajiet tal-pjan ta' ħidma mniżżla fl-Anness I:

  — Prijorità A: Diversità Kulturali, Djalogu Interkulturali u Kultura Aċċessibbli u Inklussiva,

  — Prijorità B: Industriji Kulturali u Kreattivi,

  — Prijorità Ċ: Ħiliet u Mobbiltà,

  — Prijorità D: Patrimonju Kulturali, inkluż il-Mobbiltà tal-Kollezzjonijiet,

  — Prijorità E: Il-Kultura fir-Relazzjonijiet Esterni,

  — Prijorità F: Statistika Kulturali.

[1] ĠU C 287, 29.11.2007, p. 1.
[2] COM(2010) 390 finali.
[3] SĠK(2010) 904.
[4] Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 (dok. EUCO 13/1/10 REV 1).

Dawn il-prijoritajiet ser jitwettqu bil-ħsieb li jipproduċu riżultati konkreti u li jistgħu jintużaw, b'mod partikolari fir-rigward tal-gruppi ta' ħidma.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI U LILL-ISTATI MEMBRI:

— Biex jikkonsultaw u jinfurmaw b'mod regolari lill-partijiet ikkonċernati dwar il-progress tal-ħidma, ir-riżultati miksuba u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni tal-guppi ta' ħidma sabiex tingħata attenzjoni għar-relevanza u għall-viżibbiltà tal-attivitajiet,

— Biex jipproċedu għal eżami ta' nofs it-terminu, tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma bil-ħsieb ta' addattamenti jew riorjentazzjonijiet possibbli fir-rigward tar-riżultati miksubin u tal-iżviluppi politiċi li seħħew fl-Unjoni,

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI U LILL-PRESIDENZI TAL-KUNSILL:

— Biex jinfurmaw lill-Istati Membri dwar l-inizjattivi f'oqsma ta' azzjoni oħrajn tal-Kummissjoni u/jew tal-Kunsill u li għandhom impatt fuq il-kultura,

JISTIEDNU LILL-PRESIDENZI TAL-KUNSILL:

— Biex jieħdu kont, fil-kuntest tat-trio ta' Presidenzi, tal-prijoritajiet tal-pjan ta' ħidma fit-tfassil tal-programm tagħhom, biex jagħtu kont tal-implimentazzjoni tiegħu u biex jużaw ir-riżultati miksuba fil-qafas ta' dan il-pjan,

— Biex jevalwaw ir-relevanza li jiġu organizzati b'mod partikolari:

  — laqgħa ta' uffiċjali f'kariga għolja tal-Ministeri tal-Kultura, bil-ħsieb li jiddiskutu u jadottaw ir-riżultati miksuba fil-qafas tal-Pjan ta' Ħidma,

  — laqgħa konġunta informali tal-uffiċjali f'kariga għolja tal-Ministeri tal-Kultura u tal-uffiċjali f'kariga għolja responsabbli tal-kultura tal-Ministeri tal-Affarijiet Barranin, bil-ħsieb li jiġi żviluppat approċċ strateġiku tal-kultura fil-qafas tar-relazzjonijiet esterni u tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam,

— Biex jipprevedu l-possibbiltà li jsiru, fil-kuntest tat-twettiq tal-pjan ta' ħidma, laqgħat li jlaqqgħu funzjonarji għoljin tal-Ministri tal-Kultura u funzjonarji għoljin minn setturi oħrajn,

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI:

— Tinforma b'mod regolari lill-Istati Membri dwar il-ħidma mwettqa mill-pjattaformi tad-djalogu strutturat tas-soċjetà ċivili minn naħa, u biex tinforma lil dawn il-pjattaformi bil-ħidma mwettqa fil-qafas tal-pjan ta' ħidma min-naħa l-oħra,

— Biex torganizza, fuq bażi annwali, laqgħa ma' pajjiżi kandidati, pajjiżi membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u pajjiżi terzi oħra li jipparteċipaw fil-programm tal-Kultura, sabiex jinformawhom bil-ħidma mwettqa fil-kuntest tal-pjan ta' ħidma u biex tkun tista' ssir diskussjoni mal-Istati Membri, il-presidenti tal-gruppi ta' ħidma u l-Kummissjoni,

— Biex tadotta, qabel it-tmiem tal-ewwel semestru 2014, rapport finali dwar l-implimentazzjoni u r-relevanza tal-pjan ta' ħidma abbażi tal-kontributi volontarji tal-Istati Membri. Dan ir-rapport ser iservi ta' bażi għat-tfassil ta' pjan ta' ħidma ġdid matul it-tieni semestru tal-2014.

JILQGĦU:

L-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġa l-azzjonijiet tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma kif imniżżel fl-Anness I.

*ANNESS I*

**Prijorità A: Diversità Kulturali, Djalogu Interkulturali u Kultura Aċċessibbli u Inklussiva**

*Aġenda Ewropea għall-Kultura – Promozzjoni tad-diversità kulturali u tad-djalogu interkulturali (objettiv strateġiku 1)*
*Ewropa 2020 – Tkabbir inklussiv (prijorità 3)*

| Partijiet | Suġġetti | Strumenti u metodi ta' ħidma | Riżultati mistennija u kalendarju indikattiv |
|---|---|---|---|
| Stati Membri: | Suġġett Nru 1:<br>Ir-rwol tal-istituzzjonijiet artistiċi u kulturali pubbliċi fil-promozzjoni: | Grupp ta' Ħidma magħmul minn esperti mill-Istati Membri (MMK) [1]. | |
| | (i) ta' aċċess aħjar u ta' parteċipazzjoni usa' fil-kultura; | L-esperti ser jidentifikaw il-linji politiċi u l-aħjar prattika li qed jitħaddmu mill-istituzzjonijiet artistiċi u kulturali pubbliċi għall-promozzjoni ta' aċċess aħjar u ta' parteċipazzjoni usa' fil-kultura, inkluż gruppi vulnerabbli jew f'sitwazzjoni ta' faqar u ta' esklużjoni soċjali [2]. | 2011-2012<br>Identifikazzjoni ta' linji politiċi u ta' gwida tal-aħjar prattika għall-istituzzjonijiet artistiċi u kulturali pubbliċi. |
| | (ii) tad-diversità kulturali u tad-djalogu interkulturali | L-esperti ser jidentifikaw il-linji politiċi u l-aħjar prattika fir-rigward tal-ħolqien, fi ħdan l-istituzzjonijiet artistiċi u kulturali pubbliċi, ta' spazji maħsuba biex jiffavorixxu d-djalogi bejn il-kulturi u bejn il-gruppi soċjali, b'mod partikolari fid-dawl tad-dimensjoni interkulturali tal-patrimonju u bil-promozzjoni tal-edukazzjoni artistika u kulturali u l-iżvilupp ta' kompetenzi interkulturali. | 2012-2013<br>Identifikazzjoni ta' linji politiċi u ta' gwida tal-aħjar prattika għall-istituzzjonijiet artistiċi u kulturali pubbliċi. |
| Stati Membri: | Suġġett Nru 2:<br>Żvilupp tal-kompetenza ewlenija "Għarfien u Espressjoni Kulturali" [3]. | Grupp ta' Ħidma magħmul minn esperti mill-Istati Membri (MMK) [1].<br><br>L-esperti [4] ser jidentifikaw l-aħjar prattika li għandha tiġi implimentata għall-iżvilupp ta' din il-kompetenza ewlenija u għall-integrazzjoni tagħha fil-linji politiċi tal-edukazzjoni, abbażi tal-għarfien u tal-attitudnijiet identifikati fir-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar il-kompetenzi ewlenin għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ tul il-ħajja [5]. | 2013-2014<br>Gwida tal-aħjar prattika għall-awtoritajiet kulturali u edukattivi fil-livell nazzjonali u Ewropew. |
| Kummissjoni: | Il-promozzjoni tal-ibliet kulturalment inklussivi. | Il-Kummissjoni ser tidentifika l-aħjar prattika u l-istrumenti bl-għan li jippromwovu l-ibliet kulturalment inklussivi, abbażi tar-riżultati tal-proġetti kofinanzjati mill-UE dwar il-ġestjoni tad-diversità fl-ibliet [6]. | Mill-2011 'il quddiem.<br>Identifikazzjoni tal-aħjar prattika. |
| Kummissjoni | Il-promozzjoni tal-multilingwiżmu. | Studju dwar il-potenzjal tas-sottotitular bħala inkoraġġiment għat-tagħlim ta' lingwi barranin: l-istudju għandu bħala objettiv li jevalwa l-mod(i) u safejn l-użu tas-sottotitli jinkoraġġixxi u jiffaċilita t-tagħlim tal-lingwi barranin u jikkontribwixxi għall-ħakma ta' dawn, biex b'hekk iwassal għal ambjent lingwistiku aktar favorevoli, b'mod partikolari billi jiżgura l-promozzjoni tad-dimensjoni kulturali. | Rapport finali mistenni matul it-tieni trimestru tal-2011. |

(1) Il-prinċipji applikabbli għall-ħolqien u għall-funzjonament tal-gruppi ta' ħidma jinsabu fl-Anness II.
(2) Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar ir-rwol tal-kultura fil-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali (dok. 15448/10).
(3) Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa f'Ġunju 2010 mill-grupp ta' ħidma dwar il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni dwar is-sinerġija bejn il-kultura u l-edukazzjoni, u b'mod partikolari l-edukazzjoni artistika (Pjan ta' Ħidma 2008-2010).
(4) Il-kompożizzjoni ta' dan il-grupp ser tkun element ewlieni biex jittieħed kont tar-riżultati fil-kuntest taċ-ċiklu ta' ħidma futur tal-qafas "Edukazzjoni u Taħriġ 2020" (qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ); il-parteċipazzjoni ta' esperti tal-Ministeri tal-Edukazzjoni ser għalhekk tkun rakkomandata. Il-grupp ser ikun appoġġat mis-servizzi kompetenti tal-Kummissjoni.
(5) ĠU L 394, 30.12.2006, p. 10.
(6) p.e. Bliet Interkulturali (kofinanzjat mill-Programm Kultura), Open Cities (kofinanzjat minn Urbact II) jew in-netwerk CLIP (Cities for local integration policies – kofinanzjat minn Eurofound).

**Prijorità B: Industriji Kulturali u Kreattivi (CCI)**

*Aġenda Ewropea għall-Kultura – Promozzjoni tal-kultura bħala katalista għall-kreattività (objettiv strateġiku 2)*
*Ewropa 2020 – Tkabbir intelliġenti u sostenibbli (prijoritajiet 1 u 2)*

| Partijiet | Suġġetti | Strumenti u metodi ta' ħidma | Riżultati mistennija u kalendarju indikattiv |
|---|---|---|---|
| Stati Membri: | Suġġett Nru 1:<br>L-użu strateġiku tal-programmi ta' appoġġ tal-Unjoni, inkluż il-fondi strutturali, sabiex tingħata spinta lill-potenzjal tal-kultura għall-iżvilupp lokali u reġjonali u l-effetti sekondarji tas-CCIs fuq l-ekonomija b'mod ġenerali. | Grupp ta' Ħidma magħmul minn esperti mill-Istati Membri (MMK) ([1]).<br><br>L-esperti ser jidentifikaw, iqabblu u jimmodalizzaw l-aħjar prattika fis-suġġett, għall-awtoritajiet ta' ġestjoni u operaturi tas-settur kulturali, b'mod partikolari tas-CCIs, abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 ([2]) u tal-istudju dwar il-kontribuzzjoni tal-kultura għall-iżvilupp reġjonali u lokali.<br><br>Barra minn hekk, l-esperti ser jeżaminaw l-"effetti sekondarji" tal-industriji kulturali u kreattivi fuq l-ekonomija b'mod ġenerali, b'mod partikolari f'termini ta' innovazzjoni, u l-potenzjal għal użu aħjar tal-programmi ta' appoġġ tal-Unjoni għall-promozzjoni ta' dawn l-effetti. | 2011<br>Manwal tal-linji politiċi.<br>Riflessjoni dwar inizjattiva ta' sensibilizzazzjoni fil-livell Ewropew, b'mod konġunt bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, għall-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-kultura fil-linji politiċi tal-iżvilupp reġjonali u lokali u għal appoġġ għall-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. |
| Stati Membri: | Suġġett Nru 2:<br>Strateġiji ta' esportazzjoni tas-CCIs u appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni. | Grupp ta' Ħidma magħmul minn esperti mill-Istati Membri (MMK) ([1]).<br><br>L-esperti ser jidentifikaw l-aħjar prattika dwar l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni u għall-esportazzjoni tas-CCIs. | 2012-2013<br>Manwal tal-aħjar prattika. |
| Stati Membri | Suġġett Nru 3:<br>L-aħjar prattika dwar l-inġinerija finanzjarja tal-SMEs tas-settur kulturali u kreattiv. | Grupp ta' Ħidma magħmul minn esperti mill-Istati Membri (MMK) ([1]).<br>L-esperti ser jiżviluppaw manwal għal dawk li jipprovdu l-finanzjament lis-CCIs u għall-utenti ta' dawn il-fondi, abbażi ta' analiżi tal-mekkaniżmi ta' finanzjament u ta' miżuri fiskali eżistenti mwettqa fil-qafas ta' żewġ studji kkummissjonati mill-Kummissjoni ([3]). Din il-ħidma ser tieħu kont tal-azzjonijiet l-oħrajn imnedija f'dan il-qasam fil-livell Ewropew, kif imħabbar fil-Green Paper tal-Kummissjoni "L-esplojtazzjoni tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi" ([4]). | 2013-2014<br>Manwal tal-aħjar prattika u studji ta' każijiet. |
| Kummissjoni: | Segwitu għall-Green Paper "L-esplojtazzjoni tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi". | Il-Kummissjoni ser teżamina r-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika u ser tippubblika, għall-aħħar tal-2010, analiżi tal-kontributi rċevuti bil-ħsieb li tiġi proposta, fl-ewwel semestru tal-2011, inizjattiva dwar il-promozzjoni tal-industriji kulturali u kreattivi u li tappoġġahom. | Mill-2011 'il quddiem. |
| Kummissjoni: | Implimentazzjoni tal-Alleanza Ewropea tal-Industriji Kreattivi. | Il-Kummissjoni ser tistabbilixxi l-Alleanza Ewropea tal-Industriji Kreattivi, abbażi ta' kollaborazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi tagħha, inkluż id-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża. | Mill-2011 'il quddiem. |
| Kummissjoni: | Promozzjoni tat-turiżmu kulturali bħala mutur għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku sostenibbli. | Fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kuntest ġdid ta' linji politiċi għat-turiżmu fl-Ewropa ([5]), il-Kummissjoni ser timplimenta kollaborazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi tagħha, inkluż id-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża, għall-promozzjoni tal-iżvilupp tat-turiżmu kulturali u tal-industriji relatati kif ukoll għall-identifikazzjoni tal-aħjar prattika għal ġestjoni sostenibbli tat-turiżmu kulturali, fl-istrateġiji integrati għall-iżvilupp reġjonali. | Mill-2011 'il quddiem. |

([1]) Il-prinċipji applikabbli għall-ħolqien u għall-funzjonament tal-gruppi ta' ħidma jinsabu fl-Anness II.
([2]) Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 dwar il-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp reġjonali u lokali (ĠU C 135, 26.5.2010, p. 15).
([3]) "The entrepreneurial dimension of the cultural and creative industries", Utrecht School of the Arts, October 2010, u "Access to finance activities of the European Creative Industry Alliance", Jenny Tooth, January 2010.
([4]) COM(2010) 183 finali.
([5]) COM(2010) 352 finali.

**Prijorità Ċ: Ħiliet u Mobbiltà**

*Aġenda Ewropea għall-Kultura – Promozzjoni tad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali u l-promozzjoni tal-kultura bħala katalista għall-kreattività (objettivi strateġiċi 1 u 2)*
*Ewropa 2020 – Tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv (prijoritajiet 1, 2 u 3)*

| Partijiet | Suġġetti | Strumenti u metodi ta' ħidma | Riżultati mistennija u kalendarju indikattiv |
|---|---|---|---|
| Stati Membri: | Suġġett Nru 1:<br>Programmi ta' appoġġ għall-mobbiltà | Grupp ta' Ħidma magħmul minn esperti mill-Istati Membri (MMK) ([1]).<br>L-esperti ser janalizzaw u jevalwaw il-programmi u l-pjanijiet ta' appoġġ għall-mobbiltà bil-ħsieb li jiġu identifikati l-ostakoli u l-problemi li jinħolqu, b'mod partikolari għall-artisti żgħażagħ u l-professjonisti tal-kultura, abbażi tal-istudju "Mobility matters" tal-2008. Huma ser jidentifikaw ukoll l-aħjar prattika li tippermetti t-tneħħija ta' dawn id-diffikultajiet. | 2011-2012<br>Riżultati tal-analiżi; identifikazzjoni tal-ostakoli u tal-aħjar prattika. |
| Stati Membri: | Suġġett Nru 2:<br>Promozzjoni tas-sħubiji kreattivi ([2]). | Grupp ta' Ħidma magħmul minn esperti mill-Istati Membri (MMK) ([1]).<br>L-esperti ser jidentifikaw u jimmodellaw it-tipi ta' sħubiji u prattiki ta' suċċess, inklużi l-impatti pożittivi ġġenerati. | 2012-2013<br>Manwal tal-linji politiċi.<br>Riflessjoni dwar inizjattiva fuq skala Ewropea, b'mod konġunt bejn il-Kummissjoni, u s-sħab nazzjonali, reġjonali u lokali tal-Istati Membri, għall-inkoraġġiment tas-sħubiji kreattivi. |
| Stati Membri: | Suġġett Nru 3:<br>Residenzi tal-artisti. | Grupp ta' Ħidma magħmul minn esperti mill-Istati Membri (MMK) ([1]).<br>L-esperti ser jidentifikaw il-fatturi ta' suċċess fit-tħejjija, it-twettiq u s-segwitu tar-residenzi tal-artisti, b'enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet u fuq l-objettiv li jitnaqqsu l-iżbilanċi bejn ir-residenzi interni u dawk esterni. L-aħjar prattika identifikata għandha tippermetti t-tisħiħ tal-kapaċitajiet kemm fl-UE u fl-istabbiliment ta' residenzi tal-artisti fil-pajjiżi terzi, kif ukoll fil-faċilitazzjoni tan-networking fil-livell tal-UE. | 2013-2014.<br>Manwal tal-aħjar prattika dwar it-tħejjija, l-organizzazzjoni u s-segwitu tar-residenzi, l-istabbiliment ta' netwerks u ta' mekkaniżmi ta' appoġġ. |
| Kummissjoni: | L-identifikazzjoni u l-iżvilupp permezz tal-Kunsilli settorjali dwar il-kultura ([3]). | Il-Kummissjoni ser tesplora, abbażi ta' kollaborazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi tagħha, inkluż id-Direttorat Ġenerali għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, il-possibbiltà li jiġu stabbiliti kunsilli settorjali dwar il-kultura fil-livell tal-UE. Dawn il-kunsilli għandhom bħala missjoni li jgħinu fl-elaborazzjoni ta' linji politiċi relatati mas-settur ikkonċernat billi jipprovdu analiżi tal-iżviluppi probabbli tas-suq tax-xogħol fis-settur u billi jippermettu li jiġu koperti aħjar il-ħtiġijiet fil-ħiliet ta' dan. | Mill-2011 'il quddiem.<br>Skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattika. |
| Kummissjoni: | Il-promozzjoni tal-edukazzjoni fil-media. | Studju dwar l-edukazzjoni fil-media. L-istudju ser jittestja u jirfina l-kriterji li jippermettu l-evalwazzjoni tal-livelli ta' edukazzjoni fil-media fl-Istati Membri, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva ([4]) li tipprevedi rapport tal-Kummissjoni dwar il-livelli ta' edukazzjoni fil-media fl-Istati Membri. | 2010-2011 |
| Kummissjoni: | It-tkomplija tal-iżvilupp ta' proposti għal standards ta' informazzjoni dwar il-mobbiltà. | Grupp ta' esperti stabbilit mill-Kummissjoni ser jiżviluppa proposti għal standards ta' informazzjoni, abbażi ta' rakkomandazzjonijiet maħruġa f'Ġunju 2010 mill-grupp ta' ħidma tal-MMK (pjan ta' ħidma 2008-2010) dwar il-mobbiltà tal-professjonisti tal-kultura. Fl-2011 il-Kummissjoni ser tippreżenta proposta ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' informazzjoni għall-mobbiltà. | 2011<br>Proposta dettaljata ta' kontenut u ta' standards għas-servizzi ta' informazzjoni tal-Kunsill. |

| Partijiet | Suġġetti | Strumenti u metodi ta' ħidma | Riżultati mistennija u kalendarju indikattiv |
|---|---|---|---|
| Kummissjoni: | Analiżi tal-prattika amministrattiva fil-qasam tal-mobbiltà tal-artisti (inklużi l-kwistjonijiet ta' viżi, ta' taxxi jew ta' sigurtà soċjali). | Il-Kummissjoni ser torganizza seminars tematiċi li jiġbru awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri, servizzi tal-Kummissjoni u "utenti aħħarin" u ser tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattika. | 2011-2014<br>Manwal tal-aħjar prattika destinat għall-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali. |

(1) Il-prinċipji applikabbli għall-ħolqien u għall-funzjonament tal-gruppi ta' ħidma jinsabu fl-Anness II.
(2) Is-"shubiji kreattivi" bejn il-kultura u setturi bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, in-negozju, ir-riċerka jew is-settur pubbliku, jippermettu t-trasferiment ta' ħiliet kreattivi mis-settur kulturali lejn setturi oħrajn.
(3) Il-Kunsilli settorjali għall-impjieg u l-ħiliet fil-livell tal-UE jiġbru l-partijiet ewlenin ta' settur ekonomiku partikolari, inkluż ir-rappreżentanti tat-trade unions u organizzazzjonijiet ta' min iħaddem jew il-partijiet interessati fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, u partijiet oħrajn, bħal dawk involuti fl-iżvilupp ekonomiku.
(4) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.

## Prijorità D: Patrimonju Kulturali, inkluż il-Mobbiltà tal-Kollezzjonijiet

*Aġenda Ewropea għall-Kultura – Promozzjoni tad-diversità kulturali u tad-djalogu interkulturali (objettiv strateġiku 1)*
*Ewropa 2020 – Tkabbir sostenibbli u inklussiv (prijoritajiet 2 u 3)*

| Partijiet | Suġġetti | Strumenti u metodi ta' ħidma | Riżultati mistennija u kalendarju indikattiv |
|---|---|---|---|
| Stati Membri | Eżami tad-direzzjonijiet u l-mezzi bil-għan li jiġi simplifikat il-proċess ta' self u tislif. | Grupp ta' Ħidma magħmul minn esperti mill-Istati Membri (MMK) (1).<br><br>L-esperti ser jidentifikaw l-aħjar prattika dwar il-kwistjonijiet rilevanti kollha fil-kuntest tal-mobbiltà tal-kollezzjonijiet. | 2011-2012<br>Kaxxa tal-għodda għall-funzjonament tal-garanziji tal-Istat (inkluż il-linji gwida fil-qasam tal-aħjar prattika, ta' mudelli u ta' "gwida għall-utenti").<br>Manwal tal-aħjar prattika maħsub għall-awtoritajiet nazzjonali fir-rigward tal-kwistjonijiet rilevanti l-oħrajn. |
| Stati Membri u Kummissjoni: | Tkomplija tad-diġitalizzazzjoni tal-patrimonju kulturali, inkluż il-patrimonju ċinematografiku. | Il-Grupp ta' Riflessjoni tal-Kummissjoni (il-Kumitat tal-Għorrief), lejn l-aħħar tal-2010, ser jippreżenta rakkomdazzjonijiet għad-diġitalizzazzjoni, l-aċċess online u l-konservazzjoni tal-patrimonju kulturali Ewropew fl-era diġitali. | Rapport lejn l-aħħar tal-2010, b'segwitu fl-2011. |
| | | Il-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar id-diġitazzjoni u l-konservazzjoni diġitali ser iwettaq il-ħidma tiegħu dwar il-finanzjament u l-governanza ta' Europeana wara l-2013. | 2011-2012 |
| | | Il-Kummissjoni ser tipproponi, sal-2012, mudell sostenibbli għall-finanzjament ta' Europeana, f'konformità mal-Aġenda Diġitali għall-Ewropa (2) u mal-azzjoni ewlenija nru 15 u mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2010 dwar l-Europeana: il-passi li jmiss (3). | 2012 |
| | | Il-membri tal-Grupp ta' Esperti dwar iċ-ċinema (sottogrupp dwar il-patrimonju ċinematografiku) ser jiskambjaw l-aħjar prattika dwar is-segwitu tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2010 dwar il-patrimonju ċinematografiku Ewropew, inklużi l-isfidi tal-era diġitali (4). | Mill-2011 'il quddiem. |
| Stati Membri u Kummissjoni: | Implimentazzjoni taċ-ċertifikat tal-patrimonju Ewropew (5). | Il-Kummissjoni ser thejji l-formoli tal-applikazzjonijiet u l-linji gwida bil-għan li jiffaċilitaw il-proċeduri ta' għażla u ta' kontroll, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-ġurija Ewropea. | 2011-2012 |
| | | L-ewwel għażliet ta' siti, fil-kuntest tal-proċedura transitorja. | 2013-2014 |

| Partijiet | Suġġetti | Strumenti u metodi ta' ħidma | Riżultati mistennija u kalendarju indikattiv |
|---|---|---|---|
| Kummissjoni | Prevenzjoni u ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' oġġetti kulturali. | B'segwitu għar-riżultati tal-istudju li għaddej dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar illegali ta' oġġetti kulturali (rapport mistenni għal nofs l-2011), il-Kummissjoni ser timplimenta kollaborazzjoni msaħħa bejn is-servizzi tagħha. Il-grupp jew gruppi ta' esperti stabbiliti mill-Kummissjoni (6), b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, jistgħu jipproponu "kaxxa tal-għodda" li tinkludi linji gwida fir-rigward tal-aħjar prattika u kodiċi ta' etika professjonali dwar id-diliġenza mitluba fil-ġlieda kontra t-traffikar illegali u s-serq, abbażi tad-dokumenti u l-kodiċijiet eżistenti u b'kont meħud tal-istrumenti rilevanti tal-Unjoni fil-qasam. | 2012-2013<br>Kaxxa tal-għodda kontra t-traffikar illegali u s-serq. |
| Kummissjoni: | Analiżi tas-sistemi ta' stima tax-xogħlijiet tal-arti. | Ser titwettaq riċerka komparattiva dwar is-sistemi ta' stima tax-xogħlijiet tal-arti, fir-rigward tal-garanziji tal-Istat, l-assigurazzjonijiet u r-responsabbiltà kondiviża. | Rapport fl-2012. |

(1) Il-prinċipji applikabbli għall-ħolqien u għall-funzjonament tal-gruppi ta' ħidma jinsabu fl-Anness II.
(2) COM(2010) 245 finali/2.
(3) ĠU C 137, 27.5.2010, p. 19.
(4) Dok. 14711/10.
(5) Soġġett għall-adozzjoni tal-Proposta ta' Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni Ewropea għaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew.
(6) It-tagħqid ta' għarfien espert huwa essenzjali f'dan il-qasam, il-grupp ta' ħidma ser ilaqqa' flimkien b'mod partikolari l-esperti tal-ministeri tal-kultura, tal-mużewijiet, tal-awtoritajiet ġudizzjarji, l-awtoritajiet tad-dwana u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi.

## Prijorità E: Il-Kultura fir-Relazzjonijiet Esterni

*Aġenda Ewropea għall-Kultura – Promozzjoni tal-kultura bħala element indispensabbli fir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Unjoni (objettiv strateġiku 3)*

*Ewropa 2020 – Il-mobilizzazzjoni tal-istrumenti ta' politika esterna*

| Partijiet | Suġġetti | Strumenti u metodi ta' ħidma | Riżultati mistennija u kalendarju indikattiv |
|---|---|---|---|
| Stati Membri u Kummissjoni: | Żvilupp tal-approċċ strateġiku u tal-kooperazzjoni. | Il-Presidenzi tal-Kunsill huma mistiedna jevalwaw ir-rilevanza li tiġi organizzata laqgħa konġunta informali tal-uffiċjali f'kariga għolja tal-ministeri tal-kultura u tal-uffiċjali f'kariga għolja responsabbli għall-kultura tal-ministeri tal-affarijiet barranin, bil-ħsieb li jiġi żviluppat approċċ strateġiku tal-kultura fil-kuntest tar-relazzjonijiet esterni u li tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-qasam. L-uffiċjali f'kariga għolja ser jistabbilixxu huma stess l-iskeda ta' ħidma tagħhom, is-suġġetti li għandhom jiġu esplorati u r-riżultati mistennija. | 2011-2014 |
| | Żvilupp tal-għodod ta' skambju tal-informazzjoni. | B'segwitu għal-laqgħa ta' Majorka f'Mejju 2010 tad-Direttorat Ġenerali għall-Kultura fil-Ministeri tal-Affarijiet Barranin, il-Kummissjoni ser tipprovdi sit elettroniku għall-iskambju ta' informazzjoni, abbażi tal-mudell maqbul. L-Istati Membri u l-Kummissjoni ser iżommu l-kontenut rispettiv tagħhom aġġornat b'mod regolari sabiex din l-għodda tkun tista' sservi ta' strument ta' kooperazzjoni prattika u ta' diskussjoni. | Implimentazzjoni tal-għodda ta' informazzjoni fl-2011. |
| Stati Membri u Kummissjoni: | Promozzjoni tar-ratifikazzjoni u implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali. | It-tkomplija tal-promozzjoni tar-ratifikazzjoni tal-konvenzjoni u l-objettivi tagħha fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi.<br>It-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-konvenzjoni u l-integrazzjoni tal-objettivi tagħha fil-linji politiċi Ewropej u nazzjonali kkonċernati. | Kontinwi. |

| Partijiet | Suġġetti | Strumenti u metodi ta' ħidma | Riżultati mistennija u kalendarju indikattiv |
|---|---|---|---|
| Kummissjoni: | Promozzjoni tar-relazzjonijiet kulturali mal-pajjiżi terzi. | Jitlaqqgħu, jekk meħtieġ, gruppi ta' esperti biex jikkontribwixxu għar-riflessjoni dwar kwistjoni speċifika u jiffaċilitaw l-istabbiliment ta' strateġiji fir-rigward tar-relazzjonijiet kulturali mal-pajjiżi terzi. Dawn il-gruppi ta' esperti (1) ser jiġu mistiedna b'mod partikolari biex jindirizzaw suġġetti speċifiċi fuq bażi reġjonali, pereżempju l-kultura u l-viċinat (Euromed, Sħubija tal-Lvant, Reġjun tad-Danubju, eċċ.), il-kultura fl-ekonomiji emerġenti jew il-kultura u l-iżvilupp. | Mill-2011 jekk meħtieġ. |

(1) Jekk meħtieġ, servizzi oħrajn tal-Kummissjoni ser ikunu assoċjati mill-qrib ma' dawn is-suġġetti.

## Prijorità F: Statistika Kulturali

| Partijiet | Suġġetti | Strumenti u metodi ta' ħidma | Riżultati mistennija u kalendarju indikattiv |
|---|---|---|---|
| Stati Membri u Kummissjoni: | Titjib tal-metodoloġiji relatati mal-istatistika kulturali. | Ir-rapport tan-netwerk ESS-Net dwar l-istatistika kulturali, previst fl-aħħar tal-2011, ser ikun segwit minn diskussjoni rigward il-konsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, u l-prijoritajiet u metodi ta' ħidma għall-futur. | Mill-2012 'il quddiem.<br>Proposta ta' qafas metodoloġiku. |
| Kummissjoni: | Titjib tal-informazzjoni rigward l-istatistika kulturali. | Edizzjoni ġdida tal-"ktejjeb" tal-Eurostat dwar l-istatistika kulturali. | Pubblikazzjoni fl-2011. |
| Kummissjoni: | Titjib tal-produzzjoni tal-istatistika dwar il-mobbiltà. | Grupp ta' esperti stabbilit mill-Kummissjoni ser jipproponi approċċ kondiviż ta' teħid ta' kampjuni għall-ġbir ta' data dwar il-mobbiltà tal-artisti u tal-professjonisti tal-kultura (1). | 2012-2013<br>Kaxxa tal-għodda għall-amministrazzjonijiet u l-istituzzjonijiet kulturali dwar kif isir it-teħid ta' kampjuni tad-data dwar il-mobbiltà. |

(1) Il-grupp ser jinkludi membri tal-ESSnet u rappreżentanti tal-proġetti pilota rilevanti.

*ANNESS II*

**Prinċipji applikabbli għall-ħolqien u għall-funzjonament tal-gruppi ta' ħidma stabbiliti mill-Istati Membri fil-qafas tal-Pjan ta' Ħidma 2011-2014 dwar il-Kultura**

— L-Istati Membri jipparteċipaw volontarjament fil-ħidma tal-gruppi u jistgħu jingħaqdu ma' dawn il-gruppi fi kwalunkwe ħin.

— Kull Stat Membru li jixtieq jipparteċipa fil-ħidma ta' wieħed mill-gruppi għandu jaħtar espert bħala membru ta' dan il-grupp. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-espert awtorizzat jibbenefika minn esperjenza prattika fil-qasam rilevanti fil-livell nazzjonali u għandu jiżgura l-komunikazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Il-Kummissjoni għandha tikkordina l-proċeduri ta' ħatra tal-esperti. Sabiex jinkiseb il-profil ta' espert l-aktar addattat għas-suġġett trattat, l-Istati Membru jistgħu jawtorizzaw, jekk meħtieġ, espert differenti għal kull suġġett ġdid.

— Il-gruppi jittrattaw b'mod suċċessiv objettivi ddefiniti fil-Pjan ta' Ħidma, filwaqt li jirrispettaw safejn hu possibbli l-iskadenzi taż-żmien identifikati fl-Anness I.

— Id-definizzjoni kif ukoll l-iskeda tal-objettivi li għandhom jintlaħqu jistgħu jiġu riveduti, waqt l-eżami ta' nofs it-terminu, fid-dawl tar-riżultati miksuba u l-iżviluppi politiċi li seħħew fl-Unjoni.

— Kull grupp ta' ħidma għandu jkun responsabbli li jaħtar il-president jew presidenti tiegħu għal kull suġġett fost il-prijoritajiet tiegħu.

— Kull grupp ta' ħidma jista' jiddeċiedi li jistieden, skont il-ħtiġijiet, esperti indipendenti, kompetenti f'oqsma oħrajn, biex jinfurmaw u jassistu l-ħidma tal-grupp.

— Il-gruppi ta' ħidma jistgħu jistiednu, b'mod adatt u kif meħtieġ, lir-rappreżentanti tal-pjattaformi tad-djalogu strutturat tas-soċjetà ċivili biex jieħdu sehem f'punti preċiżi tal-ħidma tagħhom,

— Il-presidenti tal-gruppi ta' ħidma għandhom jirrapportaw, kif meħtieġ, lill-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali dwar il-progress tal-ħidma fil-grupp rispettiv tagħhom. Il-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali ser jingħata l-opportunità li jiggwida lill-gruppi sabiex jinkisbu r-riżultati mixtieqa u jiżgura l-koordinazzjoni tal-ħidma tagħhom.

— Għal kull wieħed mill-objettivi msemmi fl-Anness I, il-gruppi għandhom jippreżentaw rapport dwar il-ħidma mwettqa, li jkun fih riżultati konkreti u li jistgħu jintużaw. Skont l-objettiv, dawn ir-riżultati jistgħu jiġu ppreżentati f'forma ta' manwal tal-aħjar prattika, ta' manwal tal-linji politiċi, jew ta' rakkomandazzjonijiet għal azzjoni. Ir-rapporti jistgħu jirrakkomandaw ukoll l-iżvilupp ta' kull strument rilevanti, fi kwalunkwe forma adatta, li jista' jintuża mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri nfushom.

— L-aġendi u l-minuti tal-laqgħat ta' dawn il-gruppi ser ikunu aċċessibbli b'mod sistematiku għall-Istati Membri kollha, irrispettivament mill-grad ta' parteċipazzjoni tagħhom f'qasam partikolari. Ir-rapporti tal-gruppi ser jiġu ppubblikati.

— Il-Kummissjoni ser tipprovdi servizz ta' segretarjat u appoġġ loġistiku lill-gruppi. Meta possibbli, hija barra minn hekk ser tappoġġa l-ħidma tagħhom permezz ta' kull mezz adatt ieħor (inklużi studji rilevanti għall-qasam ta' azzjoni rispettiv).

— Ir-rapporti msemmija hawn fuq ser jikkontribwixxu għar-rapport finali tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma.

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Ir-rata tal-interessi applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament** (1):

**1,00 % fl-1 ta' Diċembru 2010**

**Rata tal-kambju tal-euro** (2)

**L-1 ta' Diċembru 2010**

(2010/C 325/02)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,3115 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,3615 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 110,37 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,3360 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4528 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,1864 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,83930 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 1,7589 |
| SEK | Krona Żvediża | 9,1540 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,7176 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,3178 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 508,78 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 9,2045 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,0600 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,7390 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,4243 |
| CZK | Krona Ċeka | 24,961 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 11 812,03 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,1338 |
| HUF | Forint Ungeriż | 280,45 | PHP | Peso Filippin | 57,184 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 41,2445 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7097 | THB | Baht Tajlandiż | 39,443 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,0202 | BRL | Real Brażiljan | 2,2349 |
| RON | Leu Rumen | 4,2973 | MXN | Peso Messikan | 16,2214 |
| TRY | Lira Turka | 1,9610 | INR | Rupi Indjan | 59,4664 |

(1) Rata applikata għall-operazzjoni l-iktar reċenti mwettqa qabel il-jum indikat. Fil-każ ta' sejħa għall-offerti b'rata varjabbli, ir-rata tal-interessi hija r-rata marġinali.

(2) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

## Notifika tal-Kummissjoi dwar ir-rati ta' interessi ta' rkupru preżenti għall-Għajnuna mill-Istat u rati ta' referenza/tnaqqis għas-27 Stat Membru applikabbli mill-1 ta' Diċembru 2010

*(Ippublikat skont l-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 tal-21 ta' April 2004 (ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1))*

(2010/C 325/03)

Rati bażi kkalkulati skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tal-metodu biex tkun stabbilita r-rata ta' riferenza u ta' tnaqqis (ĠU C 14, 19.1.2008, p. 6). Skont l-użu tar-rata ta' referenza, il-marġini xierqa għad għandhom ikunu ddefiniti f'din il-komunikazzjoni. Għar-rata ta' tnaqqis, dan ifisser li għandu jiżdied marġini ta' 100 punti bażi. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 271/2008 tat-30 ta' Jannar 2008 li jemenda r-regolament ta' implimentazzjoni (KE) Nru 764/2004 jipprevedi li, jekk mhux speċifikat diversament f'deċiżjoni speċifika, ir-rata ta' rkupru għandha tkun ikkalulata wkoll billi jkunu miżjuda 100 punti bażi fuq ir-rata bażi.

Ir-rati modifikati huma indikati b'tipa grassa.

Abbozz tat-test ippubblikat fil-ĠU C 265, 30.9.2010, p. 5.

| Minn | sa | AT | BE | BG | CY | CZ | DE | DK | EE | EL | ES | FI | FR | HU | IE | IT | LT | LU | LV | MT | NL | PL | PT | RO | SE | SI | SK | UK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1.12.2010 | 31.12.2010 | **1,45** | **1,45** | 4,15 | **1,45** | 2,03 | **1,45** | 1,88 | **1,85** | **1,45** | **1,45** | **1,45** | **1,45** | 5,97 | **1,45** | **1,45** | 2,85 | **1,45** | **3,15** | **1,45** | **1,45** | 4,49 | **1,45** | 7,82 | 1,38 | **1,45** | **1,45** | 1,35 |
| 1.10.2010 | 30.11.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,15 | 1,24 | 2,03 | 1,24 | 1,88 | 2,27 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 5,97 | 1,24 | 1,24 | 2,85 | 1,24 | 3,99 | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 7,82 | **1,38** | 1,24 | 1,24 | 1,35 |
| 1.9.2010 | 30.9.2010 | 1,24 | 1,24 | **4,15** | 1,24 | 2,03 | 1,24 | 1,88 | 2,27 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 5,97 | 1,24 | 1,24 | 2,85 | 1,24 | 3,99 | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 7,82 | 1,18 | 1,24 | 1,24 | 1,35 |
| 1.8.2010 | 31.8.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,92 | 1,24 | 2,03 | 1,24 | 1,88 | 2,27 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 5,97 | 1,24 | 1,24 | 2,85 | 1,24 | 3,99 | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 7,82 | **1,18** | 1,24 | 1,24 | 1,35 |
| 1.7.2010 | 31.7.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,92 | 1,24 | 2,03 | 1,24 | 1,88 | **2,27** | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 5,97 | 1,24 | 1,24 | **2,85** | 1,24 | **3,99** | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 7,82 | 1,02 | 1,24 | 1,24 | **1,35** |
| 1.6.2010 | 30.6.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,92 | 1,24 | 2,03 | 1,24 | 1,88 | 2,77 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 5,97 | 1,24 | 1,24 | **3,45** | 1,24 | **4,72** | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 7,82 | 1,02 | 1,24 | 1,24 | 1,16 |
| 1.5.2010 | 31.5.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,92 | 1,24 | **2,03** | 1,24 | 1,88 | **2,77** | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 5,97 | 1,24 | 1,24 | **4,46** | 1,24 | **6,47** | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | **7,82** | 1,02 | 1,24 | 1,24 | 1,16 |
| 1.4.2010 | 30.4.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,92 | 1,24 | 2,39 | 1,24 | 1,88 | **3,47** | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | **5,97** | 1,24 | 1,24 | **5,90** | 1,24 | **8,97** | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 9,92 | 1,02 | 1,24 | 1,24 | 1,16 |
| 1.3.2010 | 31.3.2010 | 1,24 | 1,24 | 4,92 | 1,24 | 2,39 | 1,24 | 1,88 | **4,73** | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 1,24 | 7,03 | 1,24 | 1,24 | **7,17** | 1,24 | **11,76** | 1,24 | 1,24 | 4,49 | 1,24 | 9,92 | 1,02 | 1,24 | 1,24 | 1,16 |
| 1.1.2010 | 28.2.2010 | **1,24** | **1,24** | **4,92** | **1,24** | **2,39** | **1,24** | **1,88** | **6,94** | **1,24** | **1,24** | **1,24** | **1,24** | **7,03** | **1,24** | **1,24** | **8,70** | **1,24** | **15,11** | **1,24** | **1,24** | **4,49** | **1,24** | **9,92** | **1,02** | **1,24** | **1,24** | **1,16** |

# INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

# AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

**Stedina biex jitressqu kummenti skont l-Artikolu 1(2) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja dwar l-għajnuna mill-Istat rigward il-bejgħ ta' ċerti binjiet fil-Kamp ta' Ġewwa ta' f'Haslemoen Leir**

(2010/C 325/04)

Permezz tad-Deċiżjoni Nru 96/10/COL tal-24 ta' Marzu 2010, riprodotta fil-lingwa awtentika fil-paġni li jiġu wara dan is-sommarju, l-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA bdiet proċedimenti skont l-Artikolu 1(2) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja. L-awtoritajiet Norveġiżi ġew infurmati permezz ta' kopja tad-deċiżjoni.

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA (l-"Awtorità") b'dan tavża lill-Istati tal-EFTA, lill-Istati Membri tal-UE u lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom dwar il-miżuri inkwistjoni fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż lil:

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA
Ir-Reġistru
Rue Belliard 35
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Il-kummenti se jiġu trażmessi lill-awtoritajiet Norveġiżi. Il-parti interessata li tressaq il-kummenti tista' titlob bil-miktub biex l-identità tagħha tinżamm kunfidenzjali, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għat-talba.

SOMMARJU

**Proċedura**

Permezz tal-ittra datata l-5 ta' Frar 2007, l-Awtorità rċeviet lment dwar il-bejgħ ta' 29 binja fil-Kamp ta' Ġewwa tal-kamp militari bl-isem ta' Haslemoen Leir mill-Muniċipalità ta' Våler lill-Haslemoen AS. Permezz tal-ittri datati l-25 ta' Mejju 2007 u l-14 ta' Novembru 2007, l-Awtorità talbet aktar informazzjoni mingħand l-awtoritajiet Norveġiżi.

Permezz tal-ittri datati s-6 ta' Lulju u l-21 ta' Diċembru 2007, l-awtoritajiet Norveġiżi wieġbu għat-talbiet għal informazzjoni.

**Valutazzjoni tal-miżura**

L-Awtorità tinnota li ma saret l-ebda valutazzjoni separata tad-29 binja mixtrija minn Haslemoen AS għall-għan tal-bejgħ. Barra minn hekk, ma ġew ippreżentati l-ebda spjegazzjoni jew informazzjoni lill-Awtorità dwar għaliex il-prezz tal-bejgħ ta' NOK 4 miljun kien jikkorrespondi mal-valur tas-suq.

Madanakollu, il-proprjetà inkwistjoni kienet ġiet trasferita ftit qabel, mill-istat Norveġiż għall-Muniċipalità ta' Våler u jirriżulta mil-linji gwida tal-Awtorità dwar bejgħ ta' art li, sakemm u safejn proċess ta' bejgħ preċedenti jkun iddetermina l-valur tas-suq, awtorità pubblika tista' tuża l-ispiża prinċipali tagħha bħala indikazzjoni tal-valur tas-suq, sakemm ma jkunx għadda tul ta' żmien sinifikanti bejn ix-xiri u l-bejgħ tal-art ([1]).

([1]) Sezzjoni 2.2.d) tal-Linji Gwida tal-Awtorità dwar il-bejgħ ta' art u bini, "L-ispiża għall-Awtoritajiet".

Għalhekk, f'dan il-każ iqumu żewġ kwistjonijiet. L-ewwel nett, dwar jekk it-tranżazzjoni preċedenti bejn l-istat u l-Muniċipalità ta' Våler saritx bil-kundizzjonijiet tas-suq. It-tieni nett, jekk dan ikun il-każ, dwar jekk il-Muniċipalità ta' Våler biegħetx sussegwentement il-proprjetà lill-Haslemoen AS għal prezz li mill-inqas jikkorrespondi mal-ispiża prinċipali tagħha.

Fir-rigward tal-ewwel kwistjoni, l-Awtorità tikkunsidra li kien hemm inċertezza kbira dwar il-valur tas-suq tal-proprjetajiet ikkonċernati fin-negozjati bejn l-istat u l-Muniċipalità ta' Våler. Dan jidher permezz tad-differenza bejn l-ewwel rapport ta' Agdestein, li evalwa l-valur tal-Kamp ta' Ġewwa bħala NOK 39 miljun (NOK 29 miljun jekk jiġi mibjugħ en bloc) u t-tieni valutazzjoni minn Alhaug u Bakke, li kkunsidrat li l-valur għandu jkun ta' 0.

Fil-fehma tal-Awtorità, din id-differenza turi l-inċertezza inerenti fil-valutazzjoni ta' din it-tip ta' art, jiġifieri ta' kamp militari ta' qabel b'binjiet antiki, kemm djar residenzjali kif ukoll binjiet oħrajn bħal ċinema u faċiltajiet sportivi, li kienu jinsabu f'żona mbiegħda. Il-Gvern Norveġiż u l-Muniċipalità ta' Våler qablu li jitolbu lill-ewwel evalwatur biex jeżamina mill-ġdid il-konklużjonijiet milħuqa skont l-ewwel rapport ta' Agdestein. It-tieni rapport ta' Agdestein evalwa valur ġdid għall-proprjetà bbażat fuq il-medja tas-somma taż-żewġ rapporti ta' qabel ("bridge value") u aġġustah kif xieraq.

Madanakollu, tqum il-kwistjoni dwar jekk il-muniċipalità biegħitx id-29 binja fil-Kamp ta' Ġewwa lill-Haslemoen AS għal prezz li mill-inqas jikkorrespondi mal-ispiża prinċipali.

Il-"bridge value" fit-tieni Rapport ta' Agdestein, li ġie aġġustat għal diversi raġunijiet, ikkonkluda li l-valur kien ta' NOK 12,4 miljun għall-binjiet kollha fil-Kamp ta' Ġewwa. Jekk wieħed japplika l-metodu tal-"bridge value" għad-29 binja kkonċernati, il-valur jidher li jammonta għal NOK 11 920 000 (23 840 000/2). Dan l-ammont huwa sostanzjalment ogħla mill-prezz tal-bejgħ attwali ta' NOK 4 miljun.

L-awtoritajiet Norveġiżi argumentaw li l-prezz ta' NOK 4 miljun imħallas minn Haslemoen AS għall-binjiet, jirrifletti l-valur tas-suq wara li jiġu kkunsidrati (i) il-prezz inizjalment imħallas mill-Muniċipalità ta' Våler meta xtrat lill-Haslemoen Leir kollha, (ii) il-valur ta' offerta verbali għall-kumplament tal-binjiet fil-Kamp ta' Ġewwa, u (iii) il-valur stmat ta' binjiet oħrajn fil-Kamp ta' Ġewwa li ħa jinżammu mill-Muniċipalità ta' Våler.

